# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1254/99**

**Numru 2**

**Muscats Motors Limited**

**vs**

**Rita Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' mitejn sitta u sittin liri maltin u erbgha centezmi (Lm266.04), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, izda li baqghet ma thallsitx nonostante li l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 1999.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti, l-konvenuta hi kontumaci u, bl-ebda mod, ma kkontestat it-talba attrici (ara fol 7 tal-istess atti).

Illi, inoltre, l-konvenuta fil-mori tal-kawza hallset kwazi l-ammont kollu specifikat fl-avviz. Difatti, illum, hemm dovuta, biss, is-somma ta' Lm14 (ara fol 9 tal-atti kif ukoll ix-xhieda ta' Joseph Cini, moghtija illum stess u li esebixxa d-dokumenti annessi waqt l-istess seduta).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkudanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm14 bl-imghax legali mid-19 ta' Frar 1999 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Frar 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg